# RIŻORSA 6

David Cameron, il-Prim Ministru tar-Renju Unit, f'diskors fl-Imperial War Museum ta' Londra: (L-għan se jkun kommemorazzjoni) "li tħaddan l-ispirtu nazzjonali tagħna f'kull rokna tal-pajjiż, li tgħid xi ħaġa dwar min aħna bħala poplu."

*Sors: Patrick Wintour, The Guardian, 11.10.2012*

Dikjarazzjoni fil-paġna ewlenija tas-sit tal-internet tal-kommemorazzjoni federali tal-Belġju: "Il-Belġju żvolġa rwol importanti fil-kunflitt, speċjalment bis-saħħa tar-reżistenza qalbiena li wrew is-suldati tagħna matul l-invażjoni Ġermaniża. il-'povru ċkejken Belġju' kiseb l-ammirazzjoni tad-dinja. Għaldaqstant jixraq li l-Belġju jiżvolġi parti ċentrali fil-kommemorazzjonijiet taċ-ċentenarju."

*Sors: sit tal-internet tal-Kommemorazzjoni Federali fil-Belġju*

Dikjarazzjoni li tinsab fis-sit tematiku "Iċ-Ċentenarju tal-Ewwel Gwerra Dinjija" tal-Kummissjoni Ġermaniża għaċ-Ċimiterji tal-Gwerra: "L-Ewwel Gwerra Dinjija biddlet il-ħajja tan-nies, tas-soċjetajiet u tal-istati fl-Ewropa. Il-memorja komuni ta' dan l-inkubu kollettiv, il-kawżi u l-effetti tiegħu, jagħmlu għalhekk parti indispensabbli mill-proċess ta' integrazzjoni Ewropea."

*Sors: Sit tematiku "Iċ-Ċentenarju tal-Ewwel Gwerra Dinjija" tal-Kummissjoni Ġermaniża għaċ-Ċimiterji tal-Gwerra*

Il-Prim Ministru tat-Turkija, Ahmet Davutoğlu, f'ċerimonja li tfakkar il-100 anniversarju tal-Battalja ta' Çanakalle, parti mill-kampanja tad-Dardanelli, f'Gallipoli, fit-18 ta' Marzu 2015: "Il-poplu tagħna ġġieled spalla ma' spalla fuq dawn l-artijiet sagri biex jipproteġi l-qalb tan-nies u tal-istat. Mitt sena wara, l-Istat Tork jopponi lil dawk kollha li jippruvaw jifirdu 'l-poplu tagħna."

*Sors: Ayla Jean Yackley, Reuters, 18.03.2012*

- Dawn id-dikjarazzjonijiet kif jgħaqqdu l-passat mal-preżent?
- Minn dawn l-erba' dikjarazzjonijiet, liema waħda qiegħda twassal messaġġ konsiderevolment differenti?
- X'elementi jiddistingwu l-iskop ta' dan il-messaġġ mit-tlieta l-oħra?

Oħloq sentenza jew tnejn oħra biex tgħaqqadhom ma' kull kwotazzjoni bħala tkomplija kredibbli tad-diskors.